*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,349, 31 ta' Jannar, 2003*
*Taqsima B*

**A.L. 53 ta' l-2003**

**ATT TA' L-EDUKAZZJONI**
**(KAP. 327)**

**Ir-Regolamenti ta' l-2003 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għad-Diploma in Music Studies - Dip. Mus.**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

**Titolu**

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-2003 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għad-Diploma in Music Studies - Dip. Mus. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għad-Diploma in Music Studies - Dip. Mus. - ippubblikati bħala Avviż Legali 107 ta' l-1998, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

**Applikabilita'**

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2002 jew wara.

**Numerazzjoni mill-ġdid tar-regolament 6**

3. Ir-regolament 6 għandu jkun innumerat bħala r-regolament 6. (1).

**Żieda tal-paragrafi (2) u (3) mar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali**

3. Il-paragrafi (2) u (3) li ġejjin għandhom jiżdiedu wara l-paragrafu (1) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali:

"(2) Fil-bidu tal-Kors, l-istudenti huma meħtieġa jagħżlu li jsegwu programm ġenerali fil-Music Studies jew qasam ta' studju speċjalizzat (bħal Sacred Music jew Chamber Music), skond il-programm ta' studju approvat mill-Bord.

(3) Il-Bord javża liema huma l-oqsma ta' studju li se jkunu offruti qabel il-bidu ta' kull Kors."

**L.N. 53 of 2003**

**EDUCATION ACT**
**(CAP. 327)**

**Diploma in Music Studies - Dip. Mus. - Course (Amendment) Regulations, 2003**

IN exercise of the powers conferred upon him by sections 30 (5) and 31 (6) of the Education Act (Cap. 327), the Chancellor of the University of Malta has promulgated the following Regulations made by the Senate of the University of Malta by virtue of the powers conferred upon it by sections 31 and 35 of the said Act:

**Citation**

1. These regulations may be cited as the Diploma in Music Studies - Dip. Mus. - Course (Amendment) Regulations, 2003 and shall be read and construed as one with the Diploma in Music Studies - Dip. Mus. - Course Regulations, 1998, published as Legal Notice 107 of 1998, hereinafter referred to as "the principal regulations".

**Applicability**

2. These regulations shall be applicable to courses starting in October 2002 or later.

**Re-numbering of regulation 6**

3. Regulation 6 shall be re-numbered as regulation 6. (1).

**Addition of paragraphs (2) and (3) to regulation 6 of the principal regulations**

3. The following paragraphs (2) and (3) shall be added after paragraph (1) of regulation 6 of the principal regulations:

"(2) At the beginning of the Course, students shall be required to choose to pursue either a general programme in Music Studies or a specialised area of studies (such as Sacred Music or Chamber Music), according to a programme of studies approved by the Board.

(3) The Board shall announce the areas of study to be offered before the commencement of each Course."